31 ta' Mejju, 1948.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Giuseppina Caruana et. *versus* Giovanni Attard et. (*)

**Appell — Sentenza — Digriet Interlokutorju — Forma — Provi kontra l-Miktub.**

*Il-kriterju predominanti biex jiġi stabbilit jekk pronunċjament tal-Qorti huwiex sentenza jew digriet interlokutorju huwa dak li wieħed jara jekk dak il-pronunċjament jistax jiġi revokat "contrario imperio" mill-istess Qorti li tkun għamlitu, jew jekk jiffurmax ġudikat għal dik l-istess Qorti. Fl-ewwel każ il-pronunċjament huwa digriet interlokutorju; fit-tieni huwa sentenza definitiva.*

*Il-pronunċjament li bih il-Qorti tiddikjara ammissibili provi testimonjali biex jippruvaw kontra l-miktub huwa digriet interlokutorju, u għalhekk l-appell magħmul minn dak il-pronunċjament bil-forma tar-rikors, minflok b'nota u b'petizzjoni, huwa magħmul sewwa u skond il-liġi.*

*Ir-regola ta' l-inammissibilità ta' provi testimonjali kontra l-miktub, meta ma tkunx imposta mill-liġi l-forma miktuba, ma tirriżulta minn ebda dispożizzjoni tad-dritt pożitiv; u meta l-kliem użat fil-kitba huwa oskur, jew ambigwu jew inċert, il-Qrati tagħna dejjem ammettew il-provi testimonjali kontra tiegħu; kif ukoll meta l-prova testimonjali hija ntiża għall-impunjazzjoni ta' l-iskrittura mħabba żball, vjolenza jew għemil doluż, jew biex tiġi pruvata xi konvenzjoni verbali posterjuri għal dawk li saru bil-miktub.*

*Fil-każ preżenti dawn il-provi ġew ammessi, avvolja fil-kitba ma kien hemm ebda oskurità jew ambigwità, imħabba ċirkustanzi li kienu jiġġustifikaw l-ammissjoni ta' dawk il-provi.*

Il-Qorti. — Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-attriċijiet quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu, fejn ippremettew illi fis-26 ta' Marzu 1945, mietet f'Każal Pawla Marianna mwielda Despott, mart il-konvenut Giovanni Attard li fit-testment tagħha in atti Giovanni Chetcuti tad-19 ta' Frar 1945 ħalliet eredi tagħha lill-Wisq Reverendi Patrijiet Karmelitani Skalzi ta' Birkirkara, jew, jekk ma jaċċettawx, lill-Komunità Reliġjuża ta' Bormla ta' l-istess Ordni (li ħadd minnhom għad ma ddikjara li jaċċetta l-wirt), u ħalliet lill-konvenut Giovanni Attard l-użufrutt ġenerali u universali ta' l-eredità tagħha, barra mill-għamara tagħha li ħalliet b'titolu ta' legat liż-żewġ attriċi ħutha in parti ugwali bejniethom; u wara li ppremettew ukoll li l-konvenut Attard taħom biss parti mill imsemmija għamara; talbu li jiġi likwidat l-imsemmi legat tal-għamara lilhom imħolli, billi jiġi dikjarat konsistenti fl-oġġetti li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża u li l-konvenuti jiġu kundannati jikkonsenjawlhom fiż-żmien li jiġi lilhom prefiss dawk l-oġġetti kollha li għadhom ma ġewx konsenjati; u fil-każ li dak iż-żmien jgħaddi inutilment, jiġu kun-

(*) Modifikata fil-meritu, Appell Ċivili, 28. 6. 48 (publikata).

dannati jħallsu l-valur li jiġi likwidat ta' dawk l-oġġetti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-2 ta' Awissu 1946;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu ta' l-14 ta' Frar 1948, fejn ammettiet il-provi bix-xhieda kontra r-riċevuta fuq imsemmija sabiex jiġi aċċertat jekk fl-imsemmi legat jidħlu oġġetti oħrajn li ma humiex indikati f'dik l-irċevuta, u f'każ affermativ liema huma dawn l-oġġetti, u in vista tal-partikolarità tal-każ ordnat illi l-ispejjeż ta' dik id-deċiżjoni jitħallsu nofs mill-attriċi u nofs mill-konvenut Giovanni Attard; wara li kkunsidrat;

Illi bit-testment tagħha in atti Chetcuti tad-19 ta' Frar 1945 (fol. 6) l-imsemmija Marianna Attard, li mietet fis-26 ta' Marzu 1945 (fol. 5), ħalliet l-għamara tagħha b'titolu ta' legat liż-żewġ attriċi ħutha in parti ugwali bejniethom;

Illi fl-24 ta' Mejju 1945 l-atturi rċevew minn għand il-konvenut Attard diversi oġġetti mobili, u rrilaxxaw riċevuta għal dawk l-istess oġġetti, speċifikati fl-istess riċevuta fejn iddikjaraw ukoll li rċevew dawk l-oġġetti "in pjena soddisfazzjon" tal-legat fuq imsemmi (fol. 17);

Illi in segwitu, fit-2 ta' Awissu 1946, l-atturi, per mezz ta' ittra uffiċjali (fol. 16), interpellaw lill-konvenut Attard sabiex jikkonsenjalhom oġġetti oħra, speċifikati fl-istess ittra uffiċjali, billi ppretendew illi huwa kien taħom biss parti mill-oġġetti legati; illi l-konvenut Attard irrispondilhom b'ittra uffiċjali tal-5 ta' Settembru 1946 (fol. 35), fejn għarrafhom li f'idejh kienu jinsabu xi oġġetti tal-fajjenza u ta' metall u biċċa damask għall-festa, u ddikjaralhom li kien lest biex jikkonsenjalhom dawk l-oġġetti. In rigward ta' l-oġġetti l-oħra għarrafhom li ma kienux dovuti, jew għax ma kienux jeżistu, jew għaliex ma kienux tad-decujus, jew għaliex skond il-liġi ma kienux jiffurmaw oġġett tal-legat;

*Omissis;*

Illi l-ewwel eċċezzjoni li għandha tiġi eżaminata u deċiża hija dik sollevata mill-konvenut Attard, li l-attriċi ma

għandhomx dritt iġibu provi per mezz ta' xhieda kontra l-prova bil-miktub li huwa ikkonsenjalhom l-oġġetti kollha;

Illi r-regola li hija inammissibili l-prova testimonjali kontra l-prova bil-miktub, meta ma tkunx imposta mill-liġi l-forma miktuba, ma tirriżulta minn ebda dispożizzjoni espressa tad-dritt pożitiv tagħna. Dina l-massima, li tirriżulta minn dispożizzjoni espressa fil-Kodiċi Taljan, hija f'dak il-Kodiċi nterpretata strettament (Mattirolo, Diritto Giudiziario, Vol. II, nro. 330 u nota 2); u kwindi aktar u aktar għandha tiġi strettament interpretata mill-Qorti tagħna; u għalhekk it-tribunali tagħna dejjem ammettew il-provi testimonjali kontra u in aġġunta għall-iskrittura fil-każ li l-miktub kien oskur, ambigwu jew inċert, per eżempju, meta l-mitkub ikun konċepit f'termini ġeneriċi jew wesgħin ħafna, biex tiġi kjarita x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet; kif ġie ritenut fis-sentenzi ta' din il-Qorti tat-12 ta' Marzu 1933, u tal-31 ta' Mejju 1935 in re "Darmanin vs. Scicluna". Naturalment il-prova testimonjali hija wkoll ammessa f'każ ta' impunjazzjoni ta' l-iskrittura għal xi żball, vjolenza jew għemil doluż, kif hija wkoll ammessa in rigward għall-konvenzjonijiet verbali posterjuri għal dawk magħmulin bil-miktub;

Illi l-prinċipji enunċjati ma japplikawx għall-każ preżenti, fejn l-attriċi ddikjaraw bil-miktub li rċevew l-oġġetti "in pjena soddisfazzjon tal-legat" fuq imsemmi. Il-kliem miktuba, f'dan il-każ, ma huma xejn oskuri, ambigwi jew inċerti, u lanqas ma jista' jingħad li jista' jkun hemm xi inċertezza dwar x'riedu l-attriċi jikkomprendu f'dik ir-riċevuta, għaliex daka kien l-uniku legat li kellhom, u kellhom id-dritt li jieħdu minn għand il-konvenut dawk l-oġġetti biss li kienu jidħlu f'dak il-legat, u kwindi ma setgħux jalludu ħlief għal dawk l-oġġetti meta bil-miktub iddikjaraw li rċevewhom għas-saldu u "in pjena soddisfazzjon tal-legat";

*Illi meta ma hemm l-ebda oskurità, ebda ambigwità* u l-ebda inċertezza fil-provi riżultanti mill-miktub, u meta ma hemm l-ebda patt aċċidentali jew aċċessorju u l-ebda patt verbali posterjuri, il-prova testimonjali kontra jew in aġġunta għall-prova riżultanti mill-miktub ma għandhiex tiġi faċil-

ment ammessa; għaliex allura tirrendi għal kollox inutili l-prova bil-miktub; u dan ma għandux jissuċċiedi, għaliex min ried il-miktub dana riedu sabiex jevita l-inkonvenjenti gravi li tippreżenta l-prova bix-xhieda, fin-natura tagħha perikoluża, kif turi l-prattika tal-ġudizzji;

Illi però, fil-każ preżenti hemm ċirkustanza speċjali li tiġġustifika l-ammissjoni tal-prova testimonjali li l-attriċi ma rċevewx l-oġġetti kollha li jidħlu taħt l-imsemmi leġat, u liema huma dawk l-oġġetti li għadhom ma ottenewx. U difatti jirriżulta illi l-istess konvenut li qiegħed jagħmel oppożizzjoni għall-prova testimonjali illi l-imsemmija riċevuta ma tikkomprendix l-oġġetti kollha, ammetta bl-ittra uffiċjali tiegħu tal-5 ta' Settembru 1946, diretta lill-attriċi, li għadhom jinsabu f'idejh xi oġġetti tal-fajjenza u tal-metall u biċċa damask għall-festa, u għarraf lill-attriċi li hu pront biex jikkonsenjalhom dawk l-oġġetti; u qal fix-xhieda tiegħu li għadu pront jagħtihomlhom. Issa ġa la darba jirriżulta mill-istess ammissjoni tal-konvenut illi l-irċevuta fuq indikata ma tikkomprendix l-oġġetti kollha, il-ġustizzja u l-ekwità jeżiġu illi l-prova ma tiġix limitata għal dawk l-oġġetti biss li l-attur jirrikonoxxi li fadallu jikkunsenja, u eskluża għal dawk l-oġġetti l-oħra kollha pretiżi mill-attriċi;

Rat ir-rikors tal-konvenuti proprio et nomine quddiem din il-Qorti, fejn talbu r-riforma tad-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti fuq imsemmija, billi tiġi revokata fejn ammettiet lill-atturi jġibu l-provi testimonjali mitluba u fejn ikkundannat lill-konvenut Attard iħallas nofs l-ispejjeż, u tiġi konfermata għall-kumplament, u għalhekk tiġi respinta t-talba ta' l-atturi għall-produzzjoni ta' provi; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-appellati eċċepew in-nullità ta' l-appell, għaliex issottomettew illi dak l-appell kien imissu sar per mezz ta' nota ta' l-appell u ta' petizzjoni kif ordinarjament għandu jsir appell, u mhux per mezz ta' rikors sempliċement. Il-kwistjoni qiegħda kollha fl-eżami jekk id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti

hijiex digriet interlokutorju jew sentenza, kif din il-Qorti rriteniet fid-deċiżjoni tagħha in re "Bonnici utrinque" fil-25 ta' Mejju 1942; għaliex jekk dik id-deċiżjoni hija digriet interlokutorju, allura huwa evidenti illi l-appell kellu jsir per mezz ta' rikors, kif effettivament sar, imma jekk hija sentenza, allura l-appell kellu jsir kif ordinarjament isir;

Tikkunsidra;

Illi, kif dina l-Qorti rriteniet fis-sentenza fuq imsemmija "Bonnci utrinque", kif ukoll f'ħafna sentenzi oħra (ara sentenza ta' din il-Qorti riportata fil-Volum tal-Kollezzjoni XXVIII-I-746), il-kriterju predominanti huwa dak li wieħed jara jekk wara l-pronunċjament ta' dik id-deċiżjoni illi l-Ewwel Qorti tkun tat, ma tkunx tista' terġa' tirrevokaha għal xi raġuni "contrario imperio", jew dik id-deċiżjoni tkunx qiegħda tifforma għall-istess Qorti li pproferietha ġudikat. Fl-ewwel każ dik id-deċiżjoni tkun digriet interlokutorju, u fit-tieni sentenza. Din il-Qorti, fis-sentenza tagħha in re "Dr. G. Busuttil vs. Onor. Prof. Dr. Carlo Mallia nomine" (Kollez. Vol. XXVI-I-164) irriteniet fuq dan il-pont illi "mentre la sentenza e il decreto definitivo è il pronunciamento che "terminat negotium de quo agitur", sia che statuisca definitivamente sul merito delle domande proposte in giudizio, sia che meramente assolva il convenuto dall'osservanza del giudizio, il decreto interlocutorio invece "non terminat negotium principale et aliam post se expectat sententiam", e si concreta generalmente in decisioni sopra domande incidentali di provvedimenti interinali conservati, ammessi o contrastati dall'altra parte, o che statuiscono sopra un interesse reale, ma che non toccano direttamente, nè pregiudicano la quistione di merito";

Tikkunsidra;

Illi d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti, li fuqha hemm appell, tirriferixxi għall-ammissibilità ta' provi testimonjali meta hemm skrittura, u għalhekk iddeċediet fuq dik l-ammissibilità. Iżda, kif jidher ċar, dak huwa provvediment interinali tar-regolament tal-provi, illi bl-ebda mod ma jmiss il-meritu u li "post se expectat sententiam"; u għalhekk jidher li huwa digriet u mhux sentenza. U mhux lanqas digriet definitiv.

għaliex fin-natura tiegħu huwa tali illi, għalkemm l-Ewwel Qorti tat dik id-deċiżjoni, tista' anki wara, għal xi raġuni jew oħra, tirrevoka dik id-deċiżjoni li tkun tat "contrario imperio", u tammetti jew ma tammettix il-provi skond il-każ; fil-każ preżenti, ma tammettix provi iżjed. U f'każ simili ta' ammissibilità ta' provi hekk irritenjet din il-Qorti fil-kawża fuq ċitata riportata fil-Kollezzjoni Vol. XXIII-I-746, li kien każ preċiżament bħal dan, u fejn ġiet anki sollevata din l-eċċezzjoni (ara wkoll Kollez. Vol. XXIV-I-104, u XXVII-I-344, fejn l-appell f'każ simili kien sar per mezz ta' rikors);

Il-kawża ċitata mill-appellati, "Bonnici utrinque", ma hix applikabili għal dan il-każ, għax f'dak il-każ kien hemm vera sentenza, peress illi d-deċiżjoni ta' l-ewwel Qorti kienet tivversa fuq in-nullità ta' att ġudizzjarju li għandha tiġi deċiża per mezz ta' kap separat fis-sentenza jew per mezz ta' sentenza separata;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tan-nullità sollevata *mill-atturi* appellati; bl-ispejjeż ta' l-inċident kontra l-istess atturi appellati.